

I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (KE) Nru 680/2007 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Ġunju 2007

li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuma finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u ta' l-enerġija

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 156 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Il-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Marzu 2002 li sar f'Barcellona fil-konklużjonijiet tiegħu ssottolinja li netwerks b'saħħithom u integrati ta' l-enerġija u tat-trasport huma l-pedament tas-suq intern Ewropew u li użu aħjar tan-netwerks eżistenti u t-tlestija ta' konnessjonijiet neqsin ser jippermettu li jżiedu l-effettività u l-kompetittività u li jiġu garantiti livell xieraq ta' kwalità u tnaqqis fil-punti ta' saturazzjoni u, għalhekk, vijabbiltà aħjar fit-tul taż-żmien. Dawn il-ħtiġiet jaqgħu fil-qafas ta' l-istrateġija adottata mill-Kaprijiet ta' l-Istati u l-Gvernijiet fil-Kunsill Ewropew tat-23 u t-24 ta' Marzu 2000 li sar f'Lisbona, li ġiet imsemmija regolarment minn dakinhar.
- (2) Il-Kunsill Ewropew tat-12 u t-13 ta' Diċembru 2003 li sar fi Brussel approva azzjoni Ewropea għat-tkabbir, u għamel sejħa lill-Kummissjoni biex tagħti direzzjoni ġdida lill-infiq, jekk meħtieġ, lejn investimenti f'kapital fiżiku, b'mod partikolari investimenti fl-infrastruttura tan-netwerks trans-Ewropej, li l-proġetti prijoritarji tagħhom jirrappreżentaw elementi essenzjali għat-tisħiħ tal-koeżjoni tas-suq intern.
- (3) Id-dewmien fit-tlestija ta' konnessjonijiet trans-Ewropej effettivi, b'mod partikolari it-taqsimiet transkonfinali,

x'aktarx ikun ta' żvantaġġ serju għall-kompetittività ta' l-Unjoni, l-Istati Membri u r-reġjuni periferali li ma jkunux jistgħu, jew ma jibqgħux jistgħu, japprofittaw bis-sħiħ mill-effetti pożittivi tas-suq intern.

- (4) Fid-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 dwar linji gwida Komunitarji għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport ⁽³⁾, l-ispiża biex jitlesti n-netwerk trans-Ewropew tat-trasport bejn l-2007 u l-2020, kienet stmata għal EUR 600 biljun. L-investimenti meħtieġa għall-proġetti prijoritarji skond it-tifsira ta' l-Anness III għal dik id-Deċiżjoni waħedhom jirrappreżentaw kważi EUR 160 biljun għall-perijodu 2007-2013.
- (5) Biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ressqu 'l quddiem il-ħtieġa li l-istrumenti finanzjarji eżistenti jiġu msaħħa u adattati permezz ta' żieda fil-livell ta' ko-finanzjament Komunitarju, billi jsiru dispożizzjonijiet għall-possibbiltà li tiġi applikata rata oġhla ta' ko-finanzjament Komunitarju, b'mod partikolari għal proġetti kkaratterizzati minn natura transkonfinali tagħhom, mill-funzjoni tagħhom ta' transitu, jew minħabba li jaqsmu ostakoli naturali.
- (6) Skond il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-promozzjoni tat-trasport bil-passaġġi ta' l-ilma interni "NAIADES" u b'kunsiderazzjoni tan-natura sostenibbli tal-passaġġi ta' l-ilma interni, il-proġetti ta' passaġġi ta' l-ilma interni għandhom jingħataw attenzjoni speċjali.
- (7) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2005 dwar l-isfidi politiċi u l-mezzi baġitarji ta' l-Unjoni mkabbra għall-2007-2013 ⁽⁴⁾, il-Parlament Ewropew issottolinja l-importanza strateġika tan-netwerks tat-trasport għat-tlestija tas-suq intern u għal relazzjonijiet eqreb ma' pajjiżi kandidati, pre-kandidati u maċ-“ċirku ta' ħbieb”. Barra minn hekk, huwa esprima wkoll ir-rieda tiegħu li jeżamina strumenti ta'

⁽¹⁾ ĠU C 234, 22.9.2005, p. 69.

⁽²⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2005 (ĠU C 272 E, 9.11.2006, p. 405), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 2007 (ĠU C 103 E, 8.5.2007, p. 26) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2007 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

⁽⁴⁾ ĠU C 124 E, 25.5.2006, p. 373.

finanzjament innovattivi, bħal garanziji għal self, konċessjonijiet Ewropej, self Ewropew u fond li jtaffi l-interessi.

- (8) Bl-ammonti allokatu għan-networks trans-Ewropej fis-setturi tat-trasport u l-enerġija (minn hawn 'il quddiem "TEN-T" u "TEN-E") skond il-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013, huwa impossibbli li jintlaħqu l-ħtiġijiet kollha li joħorġu mill-implimentazzjoni tal-prijoritajiet imniżżlin fid-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE għat-TEN-T u d-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE ⁽¹⁾ għat-TEN-E. Għalhekk huwa xieraq, sabiex jiġu kkomplimentati s-sorsi nazzjonali ta' finanzjament, kemm pubbliċi kif ukoll privati, li dawn ir-riżorsi jiġu ffokati fuq ċerti kategoriji ta' proġetti li jagħtu l-akbar valur miżjud għan-networks globalment, b'mod partikolari it-taqsimiet transkonfinali, inklużi t-toroq tal-baħar, u l-proġetti mmirati lejn it-tneħħija ta' punti ta' konġestjoni, bħal ostakoli naturali, sabiex tiġi garantita l-kontinwità ta' l-infrastruttura tat-TEN-T u tat-TEN-E. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni koordinata ta' ċerti proġetti, il-Koordinaturi Ewropej jistgħu jiġu magħżulin skond l-Artikolu 17a tad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE.
- (9) B'kont meħud li l-investment tat-TEN-T li fadal fi proġetti prijoritarji hu stmat madwar EUR 250 biljun u li l-ammont ta' referenza finanzjarja Ewropea ta' EUR 8 013 miljun għat-trasport għall-perijodu 2007-2013, jirrappreżenta biss parti żgħira tal-baġit meħtieġ għat-tlestija tal-proġetti prijoritarji, il-Kummissjoni għandha, bl-għajnuna tal-Koordinaturi Ewropej fejn dawn ġew maħtura, twettaq azzjonijiet ta' appoġġ u tikkoordina l-isforzi ta' l-Istati Membri biex jiġi ffinanzjat u jitlesti it-TEN-T ipplanat f'konformità ma' l-iskeda stabbilita. Il-Kummissjoni għandha timplimenta d-dispożizzjonijiet dwar il-koordinaturi Ewropej imsemmija fid-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE. Il-Kummissjoni għandha tistudja wkoll u timmira li ssolvi, flimkien ma' l-Istati Membri, il-problema finanzjarja fit-tul taż-żmien tal-bini u t-tħaddim tat-TEN-T kollu, filwaqt li tqis li l-perijodu ta' bini jieħu mill-inqas żewġ perijodi baġitarji ta' seba' snin u li l-ħajja mistennija ta' l-infrastruttura l-ġdida hija mill-inqas mitt sena.
- (10) Id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tidentifika l-oġettivi, il-prijoritajiet għal azzjoni u l-proġetti ta' interess komuni biex jissupplimentaw u jiżviluppaw it-TEN-E, inklużi l-proġetti prijoritarji, u tassenja l-prijorità xierqa lil proġetti dikjarati li għandhom interess Ewropew. L-investimenti meħtieġa biex ikun possibbli li l-Istati Membri kollha jieħdu sehem sħiħ fis-suq intern u biex jiġu jitlestew interkonnessjonijiet ma' pajjiżi ġirien huma ta' madwar EUR 28 biljun bejn l-2007 u l-2013 għall-proġetti prijoritarji biss.
- (11) Il-Kunsill Ewropew tat-12 u t-13 ta' Diċembru 2003 għamel ukoll sejħa lill-Kummissjoni biex tkompli tistudja l-ħtieġa li jinħoloq strument ta' garanzija Komunitarju speċifiku maħsub biex ikopri ċerti riskji ta' wara l-konstruzzjoni fil-qafas tal-proġetti tat-TEN-T. Fir-rigward ta' l-enerġija, il-Kunsill Ewropew għamel sejħa lill-Kummissjoni, biex tagħti direzzjoni ġdida lill-infiq, jekk meħtieġ, lejn investimenti f'kapital fiżiku sabiex jiġi stimulat it-tkabbir.
- (12) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-networks trans-Ewropej ⁽²⁾ diġà jirrappreżenta progress reali, minħabba li jippermetti rata ta' finanzjament oġhla ta' 20 % għal proġetti dikjarati li għandhom prijorità. Madankollu, għadu jiddependi fuq regoli implimentattivi li jeħtieġu simplifikazzjoni u baġit totali b'riżorsi limitati. Għalhekk jidher li jeħtieġ li finanzjament pubbliku nazzjonali u privat jiġi kkomplimentat billi tiżdied l-għajnuna Komunitarja kemm f'dak li hu l-ammont tagħha kif ukoll f'dawk li huma rati ta' assistenza bil-ħsieb li jissaħħaħ l-effett ta' lieva tal-fondi Komunitarji, u b'hekk ikun possibbli li jitwettqu l-proġetti prijoritarji magħżula.
- (13) B'dan ir-Regolament, huwa xieraq li jiġi stabbilit programm li jiddetermina r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tat-TEN-T u t-TEN-E. Dak il-programm, li għandu jitwettaq f'konformità mal-liġi Komunitarja, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-ambjent, għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-suq intern u jkollu effett stimulanti fuq il-kompetittività tal-Komunità u t-tkabbir fiha.
- (14) L-għajnuna finanzjarja Komunitarja taħt il-baġit għan-networks trans-Ewropej għandha, barra li tiffoka fuq il-proġetti jew partijiet ta' proġetti li jippreżentaw l-akbar valur miżjud Ewropew, tkun tali li tinkoraġġixxi lill-parteċipanti biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-proġetti prijoritarji taħt id-Deċiżjonijiet Nri 1692/96/KE u 1364/2006/KE. Hija għandha tagħmilha wkoll possibbli li jiġu ffinanzjati l-proġetti l-oħra ta' infrastruttura Ewropea ta' interess komuni definiti f'dawk id-deċiżjonijiet.
- (15) L-għajnuna finanzjarja Komunitarja tingħata bl-għan li tiżviluppa proġetti ta' investment fit-TEN-T u t-TEN-E, li tipprovdi impenji finanzjarji sodi, li timmobilizza l-investituri istituzzjonali u li tinkoraġġixxi l-formazzjoni ta' sħubiji ta' finanzjament bejn is-setturi pubbliċi u privati. Fis-settur ta' l-enerġija, l-assistenza finanzjarja hija prinċipalment maħsuba biex tgħin biex jingħelbu l-ostakoli finanzjarji li jistgħu jifacċaw waqt il-preparazzjoni ta' proġetti u waqt l-iżvilupp ta' qabel il-konstruzzjoni, u għandha tkun ikkonċentrata fuq it-taqsimiet transkonfinali ta' proġetti prijoritarji u fuq l-interkonnessjonijiet ma' pajjiżi ġirien.
- (16) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ta' l-4 ta' Lulju 2005 dwar l-użu tas-sistema Ewropea ta' sinjalazzjoni ferrovjarja ERTMS/ETCS, il-Kummissjoni saħqet fuq l-importanza ta' migrazzjoni mgħaġġla u koordinata lejn dik is-sistema sabiex tkun żgurata l-interoperabilità tat-TEN-T. Għal dan il-għan, jenħtieġ appoġġ Komunitarju mmirat u temporanju, kemm għat-tagħmir ta' l-art kif ukoll għat-tagħmir abbord.
- (17) Għal ċerti proġetti, l-Istati Membri konċernati jistgħu jiġu rrappreżentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Għal ċerti proġetti, il-Kummissjoni tista' tafda l-implimentazzjoni fidejn impriżi konġunti skond it-tifsira ta' l-Artikolu 171 tat-Trattat. Dawn is-sitwazzjonijiet speċjali jeħtieġu estensjoni tal-kunċett ta' benefiċjarju tal-kontribut finanzjarju Komunitarju għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 li tistabbilixxi linji gwida għan-networks ta' l-enerġija trans-Ewropej (ĠU L 262, 22.9.2006, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1159/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 16).

- (18) Sabiex twieġeb għar-rekwiżiti speċifiċi ta' kull proġett u żżid l-effiċjenza u l-valur ta' l-għajjnuna finanzjarja Komunitarja, din l-għajjnuna jista' jkollha diversi forom: għotjiet għal studji u ħidmiet, għotjiet għal pagamenti ta' disponabbiltà, sussidji fuq ir-rati ta' interessi, garanziji għal self jew parteċipazzjoni f'fondi ta' kapital ta' riskju. Irrispettivament mill-forma tagħha, l-għajjnuna finanzjarja Komunitarja għandha tingħata skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾ u r-regoli implimentattivi tiegħu, ħlief fejn dan ir-Regolament jitbiegħed espliċitament minn dawk ir-regoli. Il-ħruġ ta' garanziji għal self u l-parteċipazzjoni f'fondi ta' kapital ta' riskju għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji tas-suq u jimmiraw lejn awtofinanzjament fit-tul ta' żmien.
- (19) Għall-implimentazzjoni ta' l-appoġġ finanzjarju Komunitarju għal proġetti ta' skala kbira fuq diversi snin, huwa rakkomandabbli li jkun permess impenn mill-Komunità fuq bażi pluriennali, li jiddistingwi skond il-proġett iffinanzjat u skond l-appropriazzjonijiet ta' impenn awtorizzati kull sena. Huma biss impenji finanzjarji sodi, attraenti u li jorbtu fuq il-Komunità fuq tul ta' żmien li jagħmluha possibbli li jitnaqqsu l-inċertezzi marbuta mat-tlestija ta' dawn il-proġetti u li jimmobilizzaw investituri kemm pubbliċi kif ukoll privati. Il-proġetti inklużi fil-programm pluriennali jirrappreżentaw l-ogħla prijoritajiet ta' l-iżvilupp tat-TEN-T kif imsemmi fid-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE u jeħtieġu azzjoni Komunitarja kontinwa biex tiġi żgurata t-tlestija bla xkiel u effiċjenti tagħhom.
- (20) Huwa xieraq li jiġu inkoraġġuti forom ta' finanzjament pubbliċi-privati, kemm istituzzjonali kif ukoll kuntrattwali, li jkunu taw prova li huma effettivi, permezz ta' garanziji ġuridiċi kompatibbli mal-liġi tal-kompetizzjoni u s-suq intern, u li tinxtered il-prassi tajba fost l-Istati Membri.
- (21) Għandha tingħata attenzjoni mill-qrib lil koordinazzjoni effettiva tal-miżuri Komunitarji kollha li għandhom impatt fuq in-netwerks trans-Ewropej, b'mod partikolari l-finanzjament mill-Fondi Strutturali u mill-Fond ta' Koeżjoni u l-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew ta' l-Investment (EIB).
- (22) Dan ir-Regolament jistabbilixxi, għat-tul kollu ta' l-implimentazzjoni tiegħu, pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza ewlenija, skond il-punt 37 tal-Ftehim Interstituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, dwar id-dixxiplina tal-baġit u amministrazzjoni finanzjarja tajba ⁽²⁾, għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali.
- (23) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ⁽³⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

⁽²⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 27.7.2006, p. 11).

- (24) Fid-dawl ta' l-iżviluppi ta' kull wieħed mill-komponenti tat-TEN-E u TEN-T u tal-karatteristiċi intrinseċi tagħhom, u bil-ħsieb ta' ġestjoni aktar effettiva, huwa rakkomandabbli li jiġu previsti diversi Regolamenti separati għall-oqsma koperti s'issa mir-Regolament (KE) Nru 2236/95.
- (25) B'dan ir-Regolament, għandhom jiġu stabbiliti regoli ġenerali għall-għoti ta' l-għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-TEN-E u TEN-T skond id-dritt u l-linji politiċi Komunitarji rigward, b'mod partikolari, il-kompetizzjoni, il-ħarsien ta' l-ambjent, is-saħħa, l-iżvilupp sostenibbli, l-akkwist pubbliku u l-implimentazzjoni effettiva tal-linji politiċi Komunitarji dwar l-interoperabilità.
- (26) Billi l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-implimentazzjoni tan-TEN-T u TEN-E ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri, u jistgħu, minħabba l-ħtieġa ta' koordinazzjoni ta' miżuri nazzjonali, jintlaħqu b'mod aktar effettiv fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tieħu miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-oġettivi.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jiddefinixxi l-kondizzjonijiet, il-metodi u l-proċeduri għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u ta' l-enerġija, taħt l-Artikolu 155(1) tat-Trattat.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

- 1) "proġett ta' interess komuni" tfisser proġett jew parti minn proġett identifikat li huwa ta' interess komuni għall-Komunità fil-qasam tat-trasport fil-qafas tad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE jew fil-qasam ta' l-enerġija fil-qafas tad-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE;
- 2) "proġett prijoritarju" fil-qasam tat-trasport tfisser proġett ta' interess komuni li jinsab fuq assi jew kwalunkwe proġett ieħor elenkat fl-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE jew fil-qasam ta' l-enerġija tfisser proġett ta' interess komuni meqjus bħala prijorità għall-Komunità fil-qafas tad-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE;
- 3) "proġett ta' Interess Ewropew għall-enerġija" tfisser proġett matur li jkun fuq assi ta' prijorità msemmija fid-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jkun ta' natura transkonfinali jew li jkollu impatt sinifikanti fuq il-kapaċità ta' trasmissjoni transkonfinali;

- 4) "parti ta' proġett" tfisser kwalunkwe attività li hija finanzjarjament, teknikament jew maż-żmien indipendenti u li tikkontribwixxi għat-tlestija ta' proġett;
- 5) "taqsima transkonfinali" tfisser it-taqsimiet transkonfinali msemmija fl-Artikolu 19b tad-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE, u taqsimiet transkonfinali li jiżguraw, permezz ta' Stat terz, il-kontinwità ta' proġett prioritarju bejn żewġ Stati Membri;
- 6) "punt ta' konġestjoni" fil-qasam tat-trasport tfisser ostakli għall-ħeffa u/jew għall-kapaċità, li jagħmluha impossibbli li tiġi garantita l-kontinwità tal-flussi tat-trasport;
- 7) "benefiċjarju" tfisser Stat Membru wieħed jew aktar, organizzazzjonijiet internazzjonali, impriżi konġunti fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 171 tat-Trattat, jew impriżi jew korpi pubbliċi jew privati li għandhom ir-responsabbiltà sħiħa għal proġett u li jipproponu li jinvestu fondi tagħhom stess jew fondi furnuti minn partijiet terzi bil-ħsieb li jiġi implimentat proġett;
- 8) "studji" tfisser attivitajiet meħtieġa għall-preparazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' proġett, inkluż studji preparatorji, ta' fattibbiltà, ta' evalwazzjoni u ta' validazzjoni, u kwalunkwe miżura oħra ta' appoġġ tekniku, inklużi azzjonijiet li jsiru qabel biex jiġi definit u żviluppat proġett interament u tittieħed deċiżjoni dwar il-finanzjament tiegħu, bħal-sħarriġ dwar is-siti konċernati u l-preparazzjoni tal-pakkett finanzjarju;
- 9) "xogħlijiet" tfisser ix-xiri, il-forniment u l-użu ta' komponenti, sistemi u servizzi, it-tweġġ ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni u installazzjoni relatati ma' proġett, l-aċċettazzjoni ta' installazzjonijiet u t-tnedija ta' proġett;
- 10) "spiża tal-proġett" tfisser l-ispiża totali a karigu ta' benefiċjarju ta' studji jew xogħlijiet relatati direttament mat-tweġġ ta' proġett u meħtieġa għat-tweġġ tiegħu;
- 11) "spiża eliġibbli" tfisser il-parti ta' l-ispiża tal-proġett li tiġi kkunsidrata mill-Kummissjoni għall-kalkolu ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja;
- 12) "strument ta' garanzija għal self" tfisser garanzija maħruġa mill-Bank Ewropew għall-Investment (EIB) favur faċilità ta' likwidità disponibbli mogħtija għal proġetti ta' interess komuni fil-qasam tat-trasport. Din tkopri r-riskji ta' servizz ta' debitu minħabba nuqqasijiet tad-domanda u t-telf ta' dħul li jirriżulta u li ma jkunx imbassar waqt il-perijodu tat-tħaddim inizjali tal-proġett. L-istrument ta' garanzija għal self huwa użat biss għal proġetti li l-vijabbiltà finanzjarja tagħhom tkun ibbażata, interament jew parzjalment, fuq dħul, ħlasijiet għall-użu tat-toroq jew dħul ieħor imħallas minn jew f'isem l-utenti jew il-benefiċjarji;
- 13) "skemi ta' pagament għal disponibbiltà" tfisser skemi ta' finanzjament għal proġetti ta' infrastruttura, mibnija u mħaddma minn investitur privat li jirċievi pagamenti perijodiċi wara l-fażi tal-kostruzzjoni għas-servizz ta' infrastruttura provdut. Il-livell tal-pagament jiddependi minn kemm jintlaħqu l-livelli ta' prestazzjoni miftiehma bil-kuntratt. Il-pagamenti għal disponibbiltà jitwettqu tul iż-żmien kollu ta' kuntratt bejn l-awtorità li tagħti l-kuntratt u min jippromwovi l-proġett u jservu biex ikopru l-ispejjeż ta' kostruzzjoni, l-ispejjeż ta' finanzjament, l-ispejjeż taż-żamma u l-ispejjeż operattivi.

KAPITOLU II

**PROĠETTI ELIĠIBBLI, FOROM U METODI TA' GĦAJNUNA
FINANZJARJA, TAĦLIT TAL-FINANZJAMENTI**

Artikolu 3

**Eliġibiltà tal-proġetti u ta' l-applikazzjonijiet għal għajjnuna
finanzjarja Komunitarja**

1. Il-proġetti ta' interess komuni biss għandhom ikunu jistgħu jirċievu għajjnuna finanzjarja Komunitarja taħt dan ir-Regolament.

L-eliġibbiltà ta' l-applikazzjonijiet għal għajjnuna finanzjarja Komunitarja għal tali proġetti hija kkondizzjonata minn konformità mad-dritt Komunitarju.

2. Fil-qasam tat-trasport biss, l-eliġibbiltà hija wkoll soġġetta għal impenn, mill-applikant għal għajjnuna finanzjarja Komunitarja u, fejn xieraq, mill-Istati Membri konċernati, biex isir kontribut finanzjarju għall-proġett ippreżentat, u jekk ikun meħtieġ, jiġu mmobilizzati fondi privati.

3. Il-proġetti relatati mat-trasport li jinvolvu taqsimiet transkonfinali jew parti minn tali taqsimiet għandhom ikunu jistgħu jirċievu għajjnuna finanzjarja Komunitarja jekk ikun hemm ftehim bil-miktub bejn l-Istati Membri konċernati jew bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi konċernati relatat mat-tweġġ tat-taqsimiet transkonfinali. Eċċezzjonalment, meta proġett ikun meħtieġ biex joħloq kollegament man-netwerk ta' Stat Membru ġar jew pajjiż terz ġar iżda fil-fatt ma jaqsamx il-fruntiera, il-ftehim bil-miktub imsemmi hawn fuq m'għandux ikun meħtieġ.

Artikolu 4

**Preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għal għajjnuna
finanzjarja Komunitarja**

L-applikazzjonijiet għal għajjnuna finanzjarja Komunitarja għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni minn Stat Membru wieħed jew aktar, jew, bil-qbil ta' l-Istati Membri konċernati minn organizzazzjonijiet internazzjonali, impriżi konġunti, u impriżi jew korpi pubbliċi jew privati.

Il-metodi għall-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għal għajjnuna finanzjarja għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikolu 9(1).

Artikolu 5

Għażla ta' proġetti

1. Proġetti ta' interess komuni għandhom jingħataw għajjnuna finanzjarja Komunitarja skond il-kontribut tagħhom għall-oġġettivi u l-prijoritajiet definiti fil-qafas tad-Deċiżjonijiet Nri 1692/96/KE u 1364/2006/KE.

2. Fil-qasam tat-trasport, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-proġetti li ġejjin:

- (a) proġetti prijoritarji;
- (b) proġetti biex jiġu eliminati punti ta' konġestjoni, b'mod partikolari fil-qafas ta' proġetti prijoritarji;
- (c) proġetti ppreżentati jew appoġġati konġuntament minn mhux inqas minn żewġ Stati Membri, b'mod partikolari dawk li jinvolvu taqsimiet transkonfinali;

- (d) proġetti li jikkontribwixxu għall-kontinwità tan-netwerk u għall-ottimizzazzjoni tal-kapaċità tiegħu;
- (e) proġetti li jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità ta' servizz offrut fit-TEN-T u li jippromwovu, inter alia permezz ta' azzjoni relatata ma' l-infrastruttura, is-sigurezza u s-sigurtà ta' l-utenti u li jiżguraw interoperabilità bejn netwerks nazzjonali;
- (f) proġetti relatati ma' l-iżvilupp u t-tpoġġija fis-seħħ ta' sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku tat-trasport ferrovjarju, tatriq, ta' l-ajru, tal-baħar, ta' passaġġi ta' l-ilma interni u ta' max-xtut li jassiguraw interoperabilità bejn netwerks nazzjonali;
- (g) proġetti li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern; u
- (h) proġetti li jikkontribwixxu għall-bilanċjar mill-ġdid ta' modi ta' trasport favur dawk li l-aktar iħarsu l-ambjent, bħall-passaġġi ta' l-ilma interni.
3. Fil-qasam ta' l-enerġija, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil proġetti ta' interess Ewropew li jikkontribwixxu għal:
- (a) l-iżvilupp tan-netwerk biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali billi titnaqqas l-isolazzjoni ta' reġjuni inqas iffavoriti u reġjuni gżejjer tal-Komunità;
- (b) l-ottimizzazzjoni tal-kapaċità tan-netwerk u t-tlestija tas-suq intern ta' l-enerġija, b'mod partikolari proġetti li jikkonċernaw taqsimiet transkonfinali;
- (c) is-sigurtà tal-provvista ta' enerġija, id-diversifikazzjoni ta' sorsi ta' provvista ta' l-enerġija u, b'mod partikolari, l-interkonnessjonijiet ma' pajjiżi terzi;
- (d) il-konnessjoni ta' riżorsi ta' enerġija rinovabbli; u
- (e) is-sigurezza, l-affidabbiltà u l-interoperabilità tan-netwerks interkonnessi.
4. Id-deċiżjoni li tingħata għajnuna finanzjarja Komunitarja għandha fost oħrajn, tieħu kont ta':
- (a) il-maturità tal-proġett;
- (b) l-effett stimulant ta' intervent Komunitarju fuq finanzjament pubbliku u privat;
- (c) il-validità tal-pakkett finanzjarju;
- (d) l-effetti soċjo-ekonomiċi;
- (e) il-konsegwenzi ambjentali;
- (f) il-ħtieġa li jingħelbu ostakoli finanzjarji; u
- (g) il-komplexità ta' proġetti, per eżempju dik li tinħoloq minħabba l-ħtieġa li jinqasam ostakolu naturali.
- (b) fil-qasam tat-trasport, għotjiet għal xogħlijiet fil-qafas ta' skemi ta' ħlas għad-disponibbiltà;
- (c) tnaqqis fuq ir-rata ta' interessi fuq self mogħti mill-EIB jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra pubbliċi jew privati;
- (d) kontribut finanzjarju għall-forniment u l-allokkazzjoni ta' kapital għal garanziji li għandhom jinħarġu mill-EIB fuq ir-riżorsi tiegħu nnifsu taħt l-istrument ta' garanzija għal self. Id-dewmien ta' dawn il-garanziji m'għandux jisboq il-5 snin wara d-data li fiha l-proġett jibda jopera. Eċċezjonalment, f'każijiet debitament iġġustifikati, il-garanzija tista' tingħata għal mhux iżjed minn seba' snin. Il-kontribut mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għall-istrument ta' garanzija għal self ma jistax jaqbeż 500 miljun euros. L-EIB għandu jikkontribwixxi ammont indaq. L-espożizzjoni Komunitarja għall-istrument ta' garanzija għal self, inklużi ħlasijiet ta' ġestjoni u spejjeż eliġibbli oħra, għandha tiġi limitata għall-ammont tal-kontribut Komunitarju għall-istrument ta' garanzija għal self u m'għandu jkun hemm l-ebda responsabbiltà ulterjuri fuq il-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. Ir-riskju residwu li huwa inerenti fl-operazzjonijiet kollha jinġarr mill-EIB. Il-modalitajiet, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri ewlenin ta' l-istrument ta' garanzija għal self huma stabbiliti fl-anness;
- (e) parteċipazzjoni f'kapital ta' riskju għal fondi ta' investiment jew impriżi finanzjarji paragonabbli b'fokus prijoritarju fuq il-forniment ta' kapital ta' riskju għal proġetti tan-netwerk trans-Ewropew u li jinvolvi intestiment sostanzjali tas-settur privat; tali parteċipazzjoni f'kapital ta' riskju m'għandhiex taqbeż 1 % tar-riżorsi baġitarji stabbiliti fl-Artikolu 18;
- (f) kontribut finanzjarju lejn l-attivajiet ta' impriżi koġunti relatati ma' proġett.
2. L-ammont ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja mogħtija fil-forom imsemmija fil-paragrafu 1 (a), (b), (c) u (f) għandu jieħu kont tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5 u m'għandux jaqbeż ir-rati li ġejjin:
- (a) għal studji: 50 % ta' l-ispiża eliġibbli, irrispettivament mill-proġett ta' interess komuni koġġent;
- (b) għal xogħlijiet:
- (i) għal proġetti prijoritarji fil-qasam tat-trasport:
- massimu ta' 20 % ta' l-ispiża eliġibbli tax-xogħlijiet;
- massimu ta' 30 % ta' l-ispiża eliġibbli għat-taqsimiet transkonfinali sakemm l-Istati Membri koġġentati jkunu taw lill-Kummissjoni l-garanziji kollha meħtieġa dwar il-vijabbiltà tal-proġett u l-iskeda tat-twettiq tiegħu;

Artikolu 6

Forom u metodi ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja

1. L-għajnuna finanzjarja Komunitarja għall-proġetti ta' interess komuni tista' tieħu waħda jew iżjed mill-forom li ġejjin:

- (a) għotjiet għal studji jew xogħlijiet;

- (ii) għal proġetti fil-qasam ta' l-enerġija: massimu ta' 10 % ta' l-ispiża eliġibbli;
- (iii) għal proġetti fil-qasam tat-trasport għajr proġetti prijoritarji: massimu ta' 10 % ta' l-ispiża eliġibbli;
- (c) għas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS):
- (i) għal tagħmir ta' l-art, massimu ta' 50 % ta' l-ispiża eliġibbli ta' l-istudji u x-xogħlijiet;
- (ii) għal tagħmir abbord:
- massimu ta' 50 % ta' l-ispiża eliġibbli għall-iżvilupp u t-twettiq ta' prototipi għall-installazzjoni ta' l-ERTMS fuq vaguni ferrovjarji eżistenti, kemm-il darba l-prototip ikun iċċertifikat f'mill-inqas żewġ Stati Membri;
 - massimu ta' 50 % ta' l-ispiża eliġibbli ta' tagħmir tas-serje għall-installazzjoni ta' ERTMS fuq vaguni ferrovjarji; madankollu, fil-qafas tal-programm pluriennali l-Kummissjoni għandha tniżżel ammont massimu ta' għajjnuna għal kull unità ta' trazzjoni;
- (d) għas-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku tat-triq, ta' l-ajru, ta' passaġġi ta' l-ilma interni, dak marittimu u ta' max-xtut massimu ta' 20 % ta' l-ispejjeż eliġibbli tax-xogħlijiet.

3. Il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 15(2) għandha tadotta l-miżuri implimentattivi għall-istrumenti msemmija fil-paragrafu 1 (c) u (e) ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 7

Għajjnuna finanzjarja u strumenti oħra

1. L-operazzjonijiet ta' l-EIB għandhom ikunu kompatibbli ma' l-għoti ta' għajjnuna finanzjarja taħt dan ir-Regolament.
2. Il-Kummissjoni għandha tikkordina u tiżgura l-koerenza tal-proġetti kofinanzjati fil-qafas ta' dan ir-Regolament ma' azzjonijiet relatati li jibbenefikaw minn kontributi u strumenti finanzjarji Komunitarji oħra kif ukoll minn operazzjonijiet ta' l-EIB.

KAPITOLU III

PROGRAMMAR, IMPLIMENTAZZJONI U KONTROLL

Artikolu 8

Programmi ta' ħidma pluriennali u annwali

1. Il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 15(2), għandha tapplika l-kriterji ta' l-Artikolu 5 u l-oġġettivi u l-prijoritajiet definiti fil-qafas tad-Deċiżjonijiet Nri 1692/96/KE u 1364/2006/KE meta tistabbilixxi programm ta' ħidma pluriennali u annwali.
2. Programm ta' ħidma pluriennali fil-qasam tat-trasport għandu japplika għall-proġetti prijoritarji, u għas-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku tat-triq, ta' l-ajru, tal-ferrovija, ta' passaġġi ta' l-ilma interni, ta' max-xtut u dak marittimu. L-ammont tal-

pakkett finanzjarju għandu jkun bejn 80 % u 85 % tar-riżorsi baġitarji imsemmija fl-Artikolu 18 riservati għat-trasport.

3. Il-programm ta' ħidma annwali fil-qasam tat-trasport għandu japplika l-kriterji għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja għal proġetti ta' interess komuni li ma jkunux inklużi fil-programm pluriennali.

4. Il-programm ta' ħidma annwali fil-qasam ta' l-enerġija għandu japplika l-kriterji għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja għal proġetti ta' interess komuni

5. Il-programm ta' ħidma pluriennali għandu jiġi rivedut, mill-inqas f'nofs iż-żmien, u jekk meħtieġ, jiġi rivedut skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(2).

Artikolu 9

Għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja

1. Wara kull sejħa għal proposti bbażati fuq il-programmi ta' ħidma pluriennali jew annwali msemmija fl-Artikolu 8(1), il-Kummissjoni, li taġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(2), għandha tiddeċiedi dwar l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja li għandha tingħata lill-proġetti jew lill-partijiet ta' proġetti magħżula. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet u l-metodi għall-implimentazzjoni tagħhom.

2. Il-benefiċjarji u l-Istati Membri konċernati għandhom jiġu informati mill-Kummissjoni dwar kwalunkwe għajjnuna finanzjarja li għandha tingħata.

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet finanzjarji

1. Impenji baġitarji jistgħu jiġu maqsuma f'pagamenti annwali. Kull sena l-Kummissjoni għandha tikkommetti l-pagamenti annwali b'kont meħud ta' l-istat ta' progress tal-proġetti jew il-fażijiet tal-proġetti li jkunu qed jirċievu l-għajjnuna finanzjarja, tal-ħtiġijiet smati u tal-baġit disponibbli.

L-iskeda indikattiva għall-impenn tal-pagamenti annwali individwali għandha tiġi kkomunikata lill-benefiċjarji u lill-Istati Membri konċernati.

2. Għajjnuna Komunitarja tista' tkopri biss infiq relatat ma' proġett magħmul mill-benefiċjarji jew minn partijiet terzi responsabbli għall-implimentazzjoni ta' proġett.

L-infiq għandu jkun eliġibbli mid-data li fiha ssir applikazzjoni għal għajjnuna. Infiq li jirriżulta minn proġetti inklużi fil-programm pluriennali jista' jkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar tas-sena kurrenti, mill-1 ta' Jannar 2007.

Il-VAT m' għandhiex tkun spiża eliġibbli, ħlief il-VAT mhux rimborsabbli.

3. Il-pagamenti għandhom isiru f'forma ta' prefinanzjament, li fejn ikun xieraq ikunu maqsuma f'diversi pagamenti, pagamenti intermedjarji u l-pagament tal-bilanċ.

Il-metodi ta' ħlas għandhom jiġu definiti b'tali mod li jittieħed kont b'mod partikolari ta' l-implimentazzjoni pluriennali tal-proġetti ta' infrastruttura.

Il-prefinanzjament, jew fejn xieraq l-ewwel pagament tiegħu, għandu jitħallas meta tingħata l-ghajjnuna finanzjarja.

Kwalunkwe pagamenti intermedji għandhom isiru abbażi ta' l-applikazzjonijiet għal ħlas, soġġetti għall-konformità ma' l-Artikolu 13.

Il-ħlas tal-bilanċi għandu jsir wara l-aċċettazzjoni tar-rapport finali relatat mal-proġett ppreżentat mill-benefiċjarju u ċċertifikat mill-Istati Membri konċernati. Ir-rapport finali għandu jagħti dettalji b'mod partikolari dwar l-infiq kollu li jkun effettivament sar.

4. Fil-każ ta' skemi ta' pagament għal disponibbiltà, l-ewwel pagament ta' prefinanzjament għandu jsir fi żmien perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin wara l-għoti ta' l-ghajjnuna finanzjarja Komunitarja maċ-ċertifikazzjoni mill-Istati Membri tal-bidu tal-proġett u mal-preżentazzjoni tal-kuntratt rispettiv ta' sħubija bejn il-pubbliku u l-privat. Pagamenti ta' prefinanzjament ulterjuri jistgħu jsiru maċ-ċertifikazzjoni mill-Istati Membri tal-progress tal-proġett.

Il-ħlas tal-bilanċi għandu jsir wara l-bidu tal-fażi operattiva tal-proġett mal-verifika tat-twertiq ta' l-infrastruttura, iċ-ċertifikazzjoni mill-Istati Membri li l-ispejjeż mitluba fil-fatt saru u l-prova ta' l-ammont totali ta' pagamenti għal disponibbiltà li jkunu daqs l-ammont ta' l-ghajjnuna finanzjarja Komunitarja.

Fejn l-ebda pagament ma jkun dovut minħabba nuqqas tat-twertiq ta' l-infrastruttura, il-Kummissjoni għandha tirkupra l-pagamenti ta' prefinanzjament li jkunu saru.

Artikolu 11

Responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jimplimentaw, fl-ambitu tar-responsabbiltà tagħhom, il-proġetti ta' interess komuni li jirċievu għajjnuna finanzjarja Komunitarja mogħtija taħt dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb il-monitoraġġ tekniku u l-kontroll finanzjarju tal-proġetti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u għandhom jiċċertifikaw ir-realtà u l-konformità tan-nefqa mġarrba fir-rigward ta' proġetti jew partijiet ta' proġetti. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni waqt il-kontrolli fuq il-post.

3. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda taħt il-paragrafu 2 u, b'mod partikolari, għandhom jagħtuha deskrizzjoni tas-sistemi ta' kontroll, ta' ġestjoni u ta' monitoraġġ stabbiliti biex jiżguraw li l-proġetti jitlestew b'suċċess.

Artikolu 12

Kompatibilità mad-dritt Komunitarju u l-linji politiċi Komunitarji

Proġetti ffinanzjati taħt dan ir-Regolament għandhom jitwettqu f'konformità mad-dritt Komunitarju u għandhom jieħdu kont tal-linji politiċi Komunitarji rilevanti, b'mod partikolari dawk dwar il-kompetizzjoni, il-ħarsien ta' l-ambjent, is-saħħa, l-iżvilupp sostenibbli, l-akkwist pubbliku u l-interoperabilità.

Artikolu 13

Tħassir, tnaqqis, sospensjoni u interruzzjoni ta' l-ghajjnuna

1. Il-Kummissjoni, wara eżami adegwat u wara li tkun informat lill-benefiċjarji u lill-Istati Membri konċernati sabiex ikunu jistgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fi żmien determinat:

- (a) għandha tħassar, għajr f'każijiet debitament iġġustifikati, għajjnuna finanzjarja mogħtija għal proġetti jew partijiet ta' proġetti li ma jkunux inbdew fis-sentejn wara d-data tal-bidu tal-proġett stabbilita fil-kondizzjonijiet li jirregolaw l-għoti ta' l-ghajjnuna;
- (b) tista' tissospendi, tnaqqas jew tinterrumpi l-ghajjnuna finanzjarja:
 - (i) fil-każ ta' irregolarità mwettqa fl-implimentazzjoni tal-proġett jew ta' parti ta' proġett fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju; u
 - (ii) fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-kondizzjonijiet li jirregolaw l-ghajjnuna finanzjarja, b'mod partikolari, jekk tkun saret bidla kbira li taffettwa n-natura ta' proġett jew tal-proċeduri implimentattivi mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissjoni;
- (c) b'kont meħud tal-fatturi rilevanti kollha, tista' titlob ir-rimbors ta' l-ghajjnuna finanzjarja jekk, fi żmien erba' snin mid-data ta' tlestija stabbilita fil-kondizzjonijiet li jirregolaw l-għoti ta' l-ghajjnuna, l-implimentazzjoni tal-proġetti jew parti minn proġetti li tkun irċeviet l-ghajjnuna finanzjarja ma tkunx tlestiet.

2. Il-Kummissjoni tista' tirkupra l-ammonti kollha jew parti minnhom li jkunu diġà tħallsu:

- (a) fejn meħtieġ, b'mod partikolari wara taħsir, interruzzjoni, jew tnaqqis ta' l-ghajjnuna finanzjarja jew talba għar-rimbors ta' l-ghajjnuna finanzjarja; jew
- (b) fil-każ ta' akkumulazzjoni ta' għajjnuna Komunitarja għal parti minn proġett.

Artikolu 14

Protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji

1. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post skond ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra ⁽¹⁾.

2. Il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-għoti ta' l-ghajjnuna finanzjarja Komunitarja jistgħu, b'mod partikolari, jipprovdu għal monitoraġġ u kontrolli finanzjarji li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni – jew minn kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha – u għal verifiki li għandhom jitwettqu mill-Qorti ta' l-Awdituri, fejn xieraq fuq il-post.

3. L-Istat Membru konċernat u l-Kummissjoni għandhom jiskambjaw immedjatament l-informazzjoni rilevanti kollha dwar ir-riżultati tal-kontrolli li jkunu saru.

(1) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJET FINALI*Artikolu 15***Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, b' konsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.
3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.
4. L-EIB għandu jaħtar rappreżentant għall-Kumitat li m'għandux jieħu sehem fil-votazzjoni

*Artikolu 16***Evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, assistiti mill-benefiċjarji, jistgħu jwettqu evalwazzjoni tal-metodi ta' twettiq tal-proġetti kif ukoll dwar l-impatt ta' l-implimentazzjoni tagħhom, sabiex jiġi valutat jekk l-oġettivi, inkluż dawk rigward il-ħarsien ta' l-ambjent ikunux intlaħqu.
2. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru benefiċjarju biex jippreżenta evalwazzjoni speċifika tal-proġetti ffinanzjati taħt dan ir-Regolament jew, fejn xieraq, li jagħtiha l-informazzjoni u l-assistenza meħtieġa biex twettaq evalwazzjoni ta' tali proġetti.

*Artikolu 17***Informazzjoni u pubbliċità**

1. Kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar l-attivitajiet imwettqa taħt dan ir-Regolament. Dan ir-rapport għandu jinkludi evalwazzjoni tar-riżultati miksuba bl-għajjnuna finanzjarja Komunitarja fl-oqsma differenti ta' applikazzjoni fir-rigward ta' l-oġettivi oriġinali, kif ukoll kapitolu dwar is-sustanza u l-implimentazzjoni tal-programm pluriennali attwali. Dan ir-rapport għandu jinkludi wkoll tagħrif dwar is-sorsi ta' finanzjament għal kull proġett.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, 20 ta' Ġunju 2007.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

H.-G. POTTERING

2. L-Istati Membri kkonċernati u, fejn xieraq, il-benefiċjarji għandhom jiżguraw li tingħata pubbliċità adegwata lill-għajjnuna mogħtija taħt dan ir-Regolament sabiex il-pubbliku jkun informat bl-irwol li għandha l-Komunità fl-implimentazzjoni tal-proġetti.

*Artikolu 18***Riżorsi baġitarji**

- 1 Il-pakkett finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjonijiet ta' dan ir-Regolament għall-perijodu 2007-2013 għandu jkun ta' EUR 8 168 000 000 li minnhom EUR 8 013 000 000 għandhom ikunu għat-TEN-T u EUR 155 000 000 għat-TEN-E.
- 2 L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali.

*Artikolu 19***Klawżola ta' revizzjoni**

Qabel tmiem l-2010, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ġenerali dwar l-esperjenza miksuba bil-mekkaniżmi provduti b'dan ir-Regolament għall-għoti ta' l-għajjnuna finanzjarja Komunitarja.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, waqt li jaġixxu skond il-proċedura prevista fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 156 tat-Trattat, għandhom jiddeċiedu jekk, u taħt liema kondizzjonijiet, il-mekkaniżmi pprovduti b'dan ir-Regolament għandhomx jinżammu jew jiġu emendati lil hinn mill-perijodu msemmi fl-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 20***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li jiġi ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Azzjonijiet li għaddejnin fil-qasam tat-trasport u ta' l-enerġija fid-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikomplu jkunu soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 2236/95, fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

G. CLOSER

ANNEX

Modalitajiet, kondizzjonijiet u proċeduri prinċipali ta' l-istrument ta' garanzija għal self msemmi fl-Artikolu 6(1)(d)

L-EIB għandu jkun imsieħeb għall-qsam ta' riskju u għandu jiġġestixxi l-kontribut tal-Komunità għall-istrument ta' garanzija għal self f'isem il-Komunità. Modalitajiet u kondizzjonijiet aktar dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-istrument ta' garanzija għal self, inkluż il-monitoraġġ u l-kontroll tiegħu, għandhom jiġu stabbiliti fi ftehma ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-EIB, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness.

STRUMENT TA' GARANZIJA GĦAL SELF GĦAL PROĠETTI TA' TRASPORT TEN

Kontribut Komunitarju	<ol style="list-style-type: none"> Mingħajr preġudizzju għall-proċedura ta' aġġustament mill-2010 'l quddiem stabbilit fil-paragrafu 2, il-kontribut mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għall-istrument ta' garanzija għal self għandu jkun disponibbli għall-EIB skond l-iskeda li ġejja: <ul style="list-style-type: none"> 2007 EUR 10 miljun 2008 EUR 35 miljun 2009 EUR 60 miljun 2010 EUR 80 miljun 2011 EUR 105 miljun 2012 EUR 110 miljun 2013 EUR 100 miljun Fis-snin 2007 sa 2009 l-Kummissjoni għandha tħallas lill-EIB l-ammonti annwali kif skedati hawn fuq. Mill-2010 'l quddiem l-EIB għandu jitlob it-trasferiment ta' somom sa l-ammont akkumulat indikat fl-iskeda għall-kont fiduċjarju. It-talba għandha tinħareġ sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel u għandha tkun appoġġjata minn tbassira tal-ħtieġa għall-kontribuzzjoni tal-Komunità skedata. It-tbassira għandha sservi bħala bażi għal aġġustament ibbażata fuq id-domanda tal-pagamenti annwali indikati hawn fuq, li għandhom jiġu deċiżi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 15(2).
Kont Fiduċjarju	<ol style="list-style-type: none"> L-EIB għandu jistabbilixxi kont fiduċjarju biex iżomm il-Kontribut Komunitarju u d-dħul li jirriżulta mill-Kontribut Komunitarju. L-interess miksub fuq il-Kont Fiduċjarju u dħul ieħor li jirriżulta mill-Kontribut Komunitarju – bħal <i>premiums</i> ta' garanzija, interessi u marġini tar-riskju fuq somom imħallsin mill-EIB – għandhom jiġu miżjuda mar-riżorsi tal-kont fiduċjarju, sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċidix, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 15 (2), li għandhom jiġu rritornati għall-linja tal-baġit TEN-T. Somom miġbuda għal allokkazzjoni ta' kapital għandhom jiġu rrimborsati lill-kont fiduċjarju wara li l-ammonti mħallsin mill-EIB taħt l-istrument tal-garanzija għal self jiġu rimborsati kollha.
Użu tal-Kontribut Komunitarju	<p>L-EIB għandu juża l-Kontribut Komunitarju:</p> <ul style="list-style-type: none"> — biex iwettaq, għal kull proġett eliġibbli, il-forniment ta' telf mistenni u l-allokkazzjoni ta' kapital, skond ir-regoli rilevanti ta' l-EIB u l-valutazzjoni tar-riskju mwettqin mill-EIB taħt il-politika ta' faċilità ta' finanzjament strutturat applikabbli tiegħu; — biex ikopri kwalunkwe spiża eliġibbli li mhix relatata ma' proġett assoċjata ma' l-istabbiliment u l-amministrazzjoni ta' l-istrument ta' garanzija għal self. Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu definiti fil-ftehim ta' ġestjoni bejn il-Kummissjoni u l-EIB.
Qsim tar-Riskju	<ol style="list-style-type: none"> Il-Kontribut Komunitarju għandu jintuża mill-EIB biex iwettaq, għal kull proġett eliġibbli, il-forniment ta' telf mistenni u l-allokkazzjoni ta' kapital. Id-dispożizzjonijiet għal telf mistenni għandhom ikopru it-telf mistenni ta' proġett. Il-parti tal-Kontribut Komunitarju li jkopri id-dispożizzjonijiet għal telf mistenni statistikament għal kull operazzjoni eliġibbli għandha titħallas mill-kont fiduċjarju lill-EIB, u b'hekk jiġi kopert persentaġġ tar-riskju. Dan il-persentaġġ għandu jkun varjabbli u jiddependi fuq il-grad ta' riskju ta' l-operazzjoni kif ukoll il-maturità tagħha. L-allokkazzjoni ta' kapital għandu jkopri t-telf mhux mistenni ta' proġett. Il-parti tal-kontribut Komunitarju li jikkorrespondi ma' l-allokkazzjoni ta' kapital għandu jiġi assenjat fil-kont fiduċjarju għal kull operazzjoni li taqa' taħtu. Dan l-ammont jista' jintalab mill-EIB fil-każ ta' sejħa ta' garanzija maħruġa mill-EIB taħt strument ta' garanzija għal self taħt l-EIB, b'hekk ikopri il-persentaġġ addizzjonali tar-riskju tiegħu. Il-mudell ta' qsim ta' riskju li jirriżulta mill-mekkaniżmu ta' hawn fuq għandu jiġi rifless fil-qsam xieraq bejn il-kont fiduċjarju u l-EIB tal-marġini tar-riskju mitluba mill-EIB lill-kontraparti tiegħu taħt l-operazzjoni ta' strument ta' garanzija għal self li taqa' taħtu.

STRUMENT TA' GARANZIJA GĦAL SELF GĦAL PROĠETTI TA' TRASPORT TEN	
Il-garanzija ta' l-EIB	<ol style="list-style-type: none"> 1. L-istrument ta' garanzija għal self għandu jikkonsisti minn garanzija ta' l-EIB għal faċilità ta' likwidità disponibbli li għandha tingħata għal proġett eliġibbli f'modalitajiet konsistenti ma' strument ta' garanzija għal self. 2. Jekk il-fornituri tal-faċilità ta' likwidità disponibbli huma intitolati li jsejħu l-garanzija ta' l-EIB taħt il-modalitajiet ta' l-istrument ta' garanzija għal self, l-EIB għandu jħallas s-somom kollha dovuti lill-fornituri tal-faċilità ta' likwidità disponibbli u jsir kreditur tal-proġett. 3. Ladarba l-EIB ikun sar kreditur ta' proġett, id-drittijiet ta' l-EIB taħt l-istrument ta' garanzija għal self għandhom ikunu gradati wara s-servizz ta' debitu tal-faċilità ta' kreditu ogħla u l-quddiem mill-ishma u finanzjamenti relatati. 4. Il-faċilità ta' likwidità disponibbli m'għandhiex tisboq l-20 % ta' l-ammont totali tad-debitu ogħla mwettaq fl-għeluq finanzjarju.
Ipprezzar	L-ipprezzar ta' garanziji taħt l-istrument ta' garanzija għal self, ibbażat fuq il-marġini ta' riskju u l-kopertura ta' l-ispejjeż amministrattivi kollha relatati mal-proġett ta' l-istrument ta' garanzija, għandu jiġi determinat skond ir-regoli u l-kriterji rilevanti tas-soltu ta' l-EIB.
Proċedura ta' applikazzjoni	L-applikazzjonijiet għall-kopertura ta' riskju taħt l-istrument ta' garanzija għal self għandha tiġi indirizzata lill-EIB skond il-proċedura ta' applikazzjoni standard ta' l-EIB.
Proċedura ta' approvazzjoni	L-EIB għandu jwettaq id-diliġenza dovuta ta' riskju, finanzjarja, teknika u legali u għandu jiddeċiedi l-ħruġ ta' garanzija taħt l-istrument ta' garanzija għal self skond ir-regoli u l-kriterji tas-soltu tiegħu, inkluż, inter alia, il-kwalità ta' proposti individwali, il-creditworthiness ta' dawk li jissellfu, termini u kondizzjonijiet aċċettabbli u d-domanda tas-suq.
Tul ta' żmien għall-istrument ta' garanzija għal self	<ol style="list-style-type: none"> 1. Il-Kontribut Komunitarju għall-istrument ta' garanzija għal self għandu jitwettaq sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013. L-approvazzjoni proprja ta' garanziji għandha tiġi finalizzata sal-31 ta' Diċembru 2014. 2. Fil-każ ta' terminazzjoni ta' strument ta' garanzija għal self waqt il-qafas finanzjarju attwali kwalunkwe bilanċ fuq il-Kont Fiduċjarju, ħliet għal fondi mwettqin u fondi meħtieġa biex ikopru infiq u spejjeż eliġibbli oħrajn, għandhom jiġi rritornati lill-linja tal-baġit TEN-T. Jekk l-istrument ta' garanzija għal self ma jiġix estiż fil-qafas finanzjarju li jmiss, kwalunkwe fondi li jibqgħu għandhom jiġu rritornati lill-parti tad-dħul tal-baġit ta' l-UE. 3. Il-fondi allokati għall-istrument ta' garanzija għal self jistgħu jintużaw sakemm tiskadi l-aħħar garanzija jew sakemm l-aħħar debitu subordinat jiġi rimborsat, skond liema jiġi l-ewwel.
Rappurtar	Il-metodi ta' rappurtar annwali dwar l-implimentazzjoni ta' l-istrument ta' garanzija għal self għandu jiġu maqbul bejn il-Kummissjoni u l-EIB.